

Brussell, 12 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12887/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0326(NLE)

UK 170

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 539 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid żewġ atti tal-Unjoni li għadhom kif ġew adottati fl-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 539 final.

Mehmuż: COM(2023) 539 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.9.2023
COM(2023) 539 final

2023/0326 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid żewġ atti tal-Unjoni li għadhom kif ġew adottati fl-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-ħruġ") b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li temenda l-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor¹, li jiffirma parti integrali mill-Ftehim dwar il-ħruġ.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Qafas ta' Windsor

Il-Ftehim dwar il-ħruġ jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-Unjoni u mill-Euratom. Il-Ftehim dwar il-ħruġ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020. Fis-27 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tar-Renju Unit laħqu ftehim politiku fil-prinċipju dwar il-Qafas ta' Windsor. Il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ li sar f'Londra fl-24 ta' Marzu 2023 adotta l-arranġamenti l-ġodda relatati mal-Qafas ta' Windsor u ż-żewġ Partijiet qablu li jaħdmu flimkien b'mod intensiv u leali biex jimplimentaw l-elementi kollha tal-Qafas ta' Windsor.

2.2. Il-Kumitat Konġunt

Il-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ jinkludi rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit. Huwa kopresedut mill-Unjoni u mir-Renju Unit. L-Anness VIII tal-Ftehim dwar il-ħruġ jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt. Il-Kumitat Konġunt jiltaqa' mill-anqas darba fis-sena jew fuq talba tal-Unjoni jew tar-Renju Unit, u jistabbilixxi l-iskeda tal-laqgħat u l-aġenda permezz ta' kunsens reċiproku.

Il-kompiti tal-Kumitat Konġunt huma stipulati fl-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-ħruġ, u prinċipalment huma:

- is-sorveljanza tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim direttament jew permezz tal-ħidma tal-kumitati speċjalizzati li jirraportaw lilu;
- l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet, inklużi emendi tal-Ftehim fil-każijiet previsti fih;
- il-prevenzjoni ta' problemi u s-soluzzjoni ta' tilwim li jistgħu jinqalgħu rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt

Fil-laqgħa tiegħu li jmiss, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta deċiżjoni li żżid żewġ atti tal-Unjoni li għadhom kif ġew adottati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor ("l-att previst"), skont l-Artikolu 13(4) tiegħu.

¹ Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 [ĠUL 102, 17.4.2023, p. 87](#).

L-att previst se jsir vinkolanti fuq il-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. F'konformità mar-Regola 9 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt u tal-Kumitati Speċjalizzati, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt se jispeċifikaw id-data li fiha jidħlu fis-seħħ.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIHEHED F'ISEM L-UNJONI

3.1. L-Anness 2 (“Dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni msemija fl-Artikolu 5(4)”) tal-Qafas ta' Windsor

L-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor fih id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemija fl-Artikolu 5(4) tiegħu.

Fil-31 ta' Mejju 2023, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2023/1077², li jipprevedi Miżuri Kummerċjali Awtonomi (Autonomous Trade Measures, ATMs) temporanji (eż. sospensjoni tad-dazji doganali, tal-kwoti tariffarji u tad-dazji anti-dumping) li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna. Ir-Regolament (UE) 2023/1077 jipprevedi l-istess tip u livell ta' ATMs vis-à-vis l-Ukrajna bħal dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) 2022/870 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022³, li ma baqax japplika fil-5 ta' Ġunju 2023 u li kellu effett pożittiv fuq il-kummerċ tal-Ukrajna mal-Unjoni, billi ppreserva l-flussi kummerċjali mill-Ukrajna lejn l-Unjoni minkejja t-tfixkil ikkawżat mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u kontra x-xejra kumplessiva ta' tnaqqis qawwi fl-esportazzjonijiet mill-Ukrajna. Ir-Regolament (UE) 2023/1077 daħal fis-seħħ fis-6 ta' Ġunju 2023 u għandu japplika mill-5 ta' Ġunju 2024.

Fl-20 ta' Lulju 2023, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2023/1524⁴, li jġedded is-sospensjoni tad-dazji tal-importazzjoni fuq l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Moldova (“il-Moldova”) lejn l-Unjoni stabbilita fir-Regolament (UE) 2022/1279 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2022⁵, li ma baqax japplika fl-24 ta' Lulju 2023, u jestendi din is-sospensjoni għat-tariffi u l-kwoti tariffarji kollha li jifdal fuq l-importazzjonijiet mill-Moldova lejn l-Unjoni. Ir-Regolament (UE) 2023/1524 jissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti tal-Moldova skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova sabiex jittaffew l-effetti negattivi tal-gwerra

² Ir-Regolament (UE) 2023/1077 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li jissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ([G.U.L 144, 5.6.2023, p. 1](#)).

³ Ir-Regolament (UE) 2022/870 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li jissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ([G.U.L 152, 3.6.2022, p. 103](#)).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2023/1524 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti mir-Repubblika tal-Moldova skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra ([G.U.L 185, 24.7.2023, p. 1](#)).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2022/1279 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2022 dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti mir-Repubblika tal-Moldova skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra ([G.U.L 195, 22.7.2022, p. 6](#)).

ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-ekonomija tal-Moldova, biex ikun aċċellerat l-iżvilupp ta' relazzjonijiet ekonomiċi aktar mill-qrib bejn l-Unjoni u l-Moldova u biex jingħata appoġġ rapidu lill-ekonomija tal-Moldova. Ir-Regolament (UE) 2023/1524 daħal fis-seħħ fil-25 ta' Lulju 2023 u għandu japplika mill-25 ta' Lulju 2024.

Dawn l-atti tal-Unjoni li għadhom kif ġew adottati huma relatati mal-kummerċ ta' merkanzija ma' pajjiżi terzi u għalhekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor. Bħala tali, dawn l-atti jenħtieġ li jiżdiedu mal-Anness 2 tiegħu, taħt il-punt 4 "Aspetti ġenerali relatati mal-kummerċ".

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet tal-Kunsill li jstabbilixxu "*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*"

Barra minn hekk, il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"⁶.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kumitat Konġunt huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Ftehim dwar il-Ħruġ.

L-att li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst ikun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi qabelxejn fuq l-oġettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni bis-saħħa tal-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

⁶ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti minn 61 sa 64.

4.2.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-uniku objettiv u kontenut tal-att previst huwa li jiżdiedu żewġ atti tal-Unjoni li għadhom kif ġew adottati fl-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.

Il-konklużjoni tal-Ftehim kienet ibbażata fuq l-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

Għaldaqstant, u f'konformità mal-prinċipju bażiku li att jista' jiġi emendat biss b'att tal-istess tip, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 50(2) TUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi legali tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 50(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-att tal-Kumitat Konġunt se jemenda l-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor, huwa xieraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid żewġ atti tal-Unjoni li għadhom kif ġew adottati fl-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika⁷ ("il-Ftehim dwar il-ħruġ") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135⁸ tat-30 ta' Jannar 2020 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.
- (2) Skont l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor⁹, li jiffirma parti integrali mill-Ftehim dwar il-ħruġ, il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ ("il-Kumitat Konġunt") għandu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet biex jemenda l-Annessi rilevanti tal-Qafas ta' Windsor billi jżid atti tal-Unjoni li jkunu għadhom kif ġew adottati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor, iżda li la jemendaw u lanqas jissostitwixxu l-atti tal-Unjoni elenkati fl-Annessi tal-Qafas ta' Windsor.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2023/1077 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li jissupplimentaw l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra¹⁰ u r-Regolament (UE) 2023/1524 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jissupplimentaw il-

⁷ [ĠU L 29, 31.1.2020, p.1.](#)

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([ĠU L 29, 31.1.2020, p.1](#)).

⁹ Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 ([ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87](#)).

¹⁰ [ĠU L 144, 5.6.2023, p. 1.](#)

konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti mir-Repubblika tal-Moldova skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra¹¹, huma atti tal-Unjoni li għadhom kif ġew adottati li huma relatati mal-kummerċ ta' merkanzija ma' pajjiżi terzi u għalhekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor.

- (4) Il-Kumitat Konġunt, matul il-laqgħa tiegħu li jmiss, jenħtieġ li jadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor li żżid dawk iż-żewġ atti tal-Unjoni li għadhom kif ġew adottati mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid żewġ atti tal-Unjoni li għadhom kif ġew adottati fl-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid żewġ atti tal-Unjoni li għadhom kif ġew adottati fl-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

¹¹ [ĠUL 185, 24.7.2023, p. 1.](#)